MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 1171/2006

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camilleri)
vs
Elsayed Abdelsalam Esisy, iben Abdulsalem, imwieled Port Said, l-Eġittu
fis-27 ta’ ġunju, 1970

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fil-5 ta’ novembru, 2006 u fi żminijiet ta’ wara f’dawn il-Gżejjer, ikkaġuna feriti ta’ natura ħafifa fuq il-persuna ta’ Bouchra Agius Jounaid ta’ nazzjonalita’ marokkina, skond ma ċċertifika t-tabib taċ-Ċentru tas-Saħħa ta’ Floriana;
2. talli taħt l-istess ċirkostanżi, ikkometta serq ta’ aamont ta’ flus kontanti, u cioe’ elfejn dollaru amerikan

(USD2,000), liema serq hu kkwalifkat bil-valur u bil-persuna li seħħ għad-dannu ta' Bouchra Agius Jounaid.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 ta' diċembru, 2006 fejn il-parte ċivile nfurmat il-Qorti li ma għandhiex aktar interess f'din il-kawża u qed tirrinunzja għal dak li hu rinunzjabbli.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti hemm dubji serji kemm verament l-imputat seraq lill-parte ċivile.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment eżawrit għal dak li jirrigwarda l-ewwel akkuża. Dwar it-tieni akkuża ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------